

Brussell, 29 ta' April 2021
(OR. en)

7765/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0092(NLE)

WTO 96
COLAC 26

NOTA PUNT "I/A"

| | |
|----------------|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 7764/21 + ADD 1 |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kummerċ tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emendi għad-Deċiżjonijiet Nru 1/2014, Nru 2/2014, Nru 3/2014, Nru 4/2014 u Nru 5/2014 tal-Kumitat Kummerċjali sabiex titqies l-adeżjoni tal-Ekwador mal-Ftehim Kummerċjali u sabiex tiġi aġġornata l-lista ta' arbitri u esperti fil-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli - Adozzjoni |

1. Fit-12 ta' April 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq (dok. 7764/21 + ADD 1).
2. Il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) ġie kkonsultat bil-miktub dwar dan it-test u approvah kif modifikat biex jittieħed kont ta' għadd ta' aġġustamenti meħtieġa.

3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:

- jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokumenti 7766/21 u 7767/21;
- jiddeċiedi li jordna l-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tad-Deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ UE - Kolombja - Perù - Ekwador, kif tinsab fid-dokument 7767/21, ladarba tiġi adottata;
- jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni ser tintbagħat lill-Parlament; kif ukoll
- jiddeċiedi li jdaħħal fil-minuti tiegħu d-dikjarazzjoni mniżżla fl-addendum għal din in-nota.
